



Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

7444/26

LIMITE

CORLX 288
CFSP/PESC 410
COAFR 73
COARM 36
CONUN 41
FIN 429

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135¹.
- (2) Fl-24 ta' Frar 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1591(2005) (il-“Kumitat KSNU”) żied erba' persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Fil-5 ta' Marzu 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2026/529², li żżid l-erba' persuni elenkati fl-24 ta' Frar 2026 mill-Kumitat KSNU mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/450/PESK³.
- (4) Jenħtieġ li l-entrati għall-erba' persuni elenkati fl-24 ta' Frar 2026 mill-Kumitat KSNU jitneħħew mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi stipulata fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135.
- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2135 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2135, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2135/oj>).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/529 tal-5 ta' Marzu 2026 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan (ĠU L, 2026/529, 5.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/529/oj).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/450/PESK tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/423/PESK (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 106, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/450/oj>).

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135, taħt l-intestatura "A. Lista ta' persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 2(1)", jiġhassru l-erba' entrati li ġejjin:

13. Abdelrahim Hamdan DAGALO;
 15. Elfateh Abdullah Idris ADAM;
 17. Tijani Ibrahim Moussa MOHAMED;
 18. Gedo HAMDAN.
-